**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 14 ta' Jannar 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 261/2018/2 JPG**

**Kawza Nru.: 20**

**NB**

**Vs**

**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MB datat 5 ta' Marzu 2020, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qieghda titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;*

2. *Illi din it-talba tista ssir minn kull parti li u f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16;*

3. *Illi ma hemm xejn li ghandu jwaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-komunjoni li tezisti bejn il-partijiet f'dan l-istadju;*

4. *Illi hadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda pregudizzju u dana peress l-partijiet ilum jghixu hajja separata;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-mizzewgin NB u MB u dana permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) u li din l-ordni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b'att pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5);*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' NB datata 30 ta' Lulju 2020, a fol 6 et seqq., li taqra hekk:

*Illi bir-rikors fuq indikat il-konvenuta qeghda titlob li din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet fil-pendenza tal-proceduri odjerni ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet u n-notifika ta' tali pronunzjament lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.*

*Illi l-esponenti jaf illi b'tali pronunzjament dak li suppost kemm fil-komunjoni tal-akkwisti jibqa mittiefes sal-likwidazzjoni taghha fl-eventwali sentenza finaili. L-esponent huwa wkoll konxju li tali talba tintlaqa sakemm xi parti ma ssofrix pregudizzju sproporzjonat.*

*Illi pero fil-kawza odjerna l-esponent gja pproduca diversi rapprezentanti tal-banek lokali fosthom dawk tal-Bank of Valletta plc sabiex jixhdu fuq kontijiet bankarji tal-konvenuta. F'seduta mizmuma fi Frar 2019, ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta opprezenta statements bankarji rigwardanti mhux inqas minn erbatax (14) il-kont bankarju li l-konvenuta kellha ma dak il-bank ad insaputa tal-esponent. L-esponent, meta ra dawn il-kontijiet kollha u c-caqliq fihom, inkarika lil accountant Graham Bencini li ghamel analizi u hejja rapport dwar dawn il-kontijiet. Dan ir-rapport ghadu mhuwiex ipprezentat ghaliex l-esponent, meta kien hejja ir-rikors guramentat, naturalment ma kienx profeta*

*dwar x'kien ser jirrisulta mix-xhieda tal-banek u kellu jinkarika lis-sur Bencini fil-mori tal-kawza. Mir-rapport tas-sur Bencini ghandu jirrisulta li l-imsemmi kontijiet bankarji tal-konvenuta, matul iz-zwieg kien hemm inflows ta' circa mitejn u tletin elf euro (€230,000) u outflows ta' circa mitejn u erbghin (€240,000) u dawn il-kontijiet bankarji llum ma fihom prattikament ebda flus. Barra minn hekk ghandu wkoll jirrisulta li l-accountant sab diversi transazzjonijiet li kienu gejjin jew sejrin gewwa tlett (3) kontijiet bankarji li mhuwiex maghruf ta' min huma kif ukoll akkreditar ta' somom minghand l-HSBC (bank li sa issa ghadu ma ttellax jixhed).*

*Illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2020, l-esponent talab li tali accountant jigi ammess jixhed u jipprezenta r-rapport tieghu. Dakinhar l-esponent talab ukoll li Qorti tawtorizza lir-rapprezentanti tal-banek sabiex jizvelaw it-titolari tal-kontijiet bankarji ta' terzi li maghhom l-konvenuta ghamlet transazzjonijiet mill-kontijiet taghha. Dakinhar stess saru dawn it-talbiet id-difensur tal-konvenuta talab zmien biex iwiegeb ghal dawn it-talbiet u l-Qorti ikkoncedietlu gimghatejn (ossia sad-29 ta' Jannar 2020). Minn ezami tal-inkartament tal-Qorti jidher li mhux talli l-konvenuta ma wegbitx ghal dawn it-talbiet tal-esponent izda talli minflok, f'daqqa wahda fil- 5 ta' Marzu 2020 ipprezentat ir-rikors odjern sabiex il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti.*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent umilment jissottometti li ma tkunx gustifikata li tintlaqa' t-talba odjerna tal-konvenuta qabel ma jigi eppurat x'sar mill-mijiet ta' eluf ta' euro li hi kellha fil-kontijiet bankarji taghha, flus li jappartjenu lil-komunjoni tal-akkwisti u li taghhom ghalhekk l-esponent ghandu sehem. Kif qeghdin illum il-konvenuta biss taf x'sar minn dawn il-flus li kellha fil-kontijiet taghha; la din il-Qorti u lanqas l-esponent ma ghandu jew jista jkollu kontroll fuq dawn il-flus b'xi provvediment opportun jew andat kawtelatorju. Kemm il-darba il-komunjoni tigi terminat f'dan l-istadju, il-konvenuta jkollha iktar liberta li, minghajr il-bzonn tal-kunses ta' l-esponent, tiddisponi liberalment mill-flus tal-komunjoni fuq imsemmija u ma thalli ebda tracca izjed taghhom.*

*Illi ghal ghan imsemmi fil-paragrafu precedenti, l-esponent ghalhekk umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti gandha tipprovdi dwar dan ir-rikors fi*

*stadju ulterjuri u sadattant tiddekreta iz-zewg talbiet maghmula mill-esponent fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2020 sabiex ikun jista jixhed l-imsemmi Graham Bencini u jkunu jistghu jergghu jixhdu r-rapprezentanti tal-banek lokali, li ezentati mis-sigriet bankarju u sigriet professjonali, ikunu jistghu jizvelaw l-ismijiet tat-terzi li huma titolari tal-kontijiet bankarji li maghhom jidher li l-konvenuta ghamlet transazzjonijiet tramite l-kontijiet bankarji taghha.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-konvenuta permezz tar-rikors tal-hamsa (5) ta' Marzu elfejn u ghoxrin (2020) fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuta u l-attur u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu preguddizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

L-attur qieghed joggezzjona ghat-talba tal-konvenuta u jsostni illi ma tkunx gustifikata li tintlaqa t-talba tal-konvenuta qabel ma jigi ppruvat x'sar mill-mijiet ta' eluf ta' euro li hi kellha fil-kontijiet bankarji taghha, flus li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u li taghhom ghalhekk l-esponenti ghandu sehem.

Illi l-attur jghid li mix-xhiedha tar-rapprezentanti tal-bank li f'xi kontijiet bankjarji f'isem il-konvenuta matul iz-zwieg kien hemm *inflows* ta' circa mitejn u tletin elf euro (EUR 230,000) u *outflows* ta' circa mitejn u erbghin elf euro (EUR 240,000) u li dawn il-kontijiet illum ma fihom prattikament ebda flus. Illi l-attur jghid li hija biss il-konvenuta li taf x'sar minn dawna l-flus li kellha fl-imsemmija kontijiet. Illi l-attur jghid li kemm il-darba l-komunjoni tigi terminata f'dana l-istadju, il-konvenuta jkollha iktar liberta li minghajr il-bzonn tal-kunsens tieghu, tiddisponi liberament mill-flus tal-komunjoni fuq imsemmija u ma thalli ebda tracca izjed taghhom.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza: ***Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell***[1] fejn intqal:

> ***"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le.***
>
> ***Ezami tal-artiklu 55(4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalfika bhala ostaklu ghall-pronunzja ta' tali sentenza.***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.

> ***Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il-darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat. Dana gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Jael Cassar vs Robert Cassar.***[2]

Dina l-Qorti taghmel taghha li-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fejn gie ddikjarat illi:

> ***"l-pregudizzju mhxu proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li minn jallegah jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat***[3]***."***

Illi kif inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza su indikata, u cioe dik fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**, il-Qorti tal-Appell apparti li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal wkoll:

---

[2] Deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it- 3/12/2013 212/2019/2 RGM.

[3] Vide **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015.

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

In vista tal-ligi u tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-attur humiex:

1. **Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u**
2. **Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar id-divizjoni tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li dak li qed titlob il-konvenuta li huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh, u mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:

> *Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqaf il-komunjoni ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga dahlu u qeghdin fil-komunjoni* ***anke jekk ad isaputa tal-attrici.*** [4]

Il-Qorti tosserva illi mid-dokumentazzjoni prezentata mir-rapprezentanti tal-Bank, jirrizulta li hemm numru sostanzjali ta' kontijiet bankarji ntestati kemm lill-partijiet f'daqqa u cioe *joint accounts*, u ohrajn f'isem il-konvenuta wahedha, jew f'isem il-konvenuta u l-minuri, u anke hemm xi investment f'isem il-konvenuta wahedha, primarjament l-Aberdeen Sicav. Illi dan l-investiment inxtara mill-konvenuta fl- erbgha (4) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010), liema investiment inghalaq fis-sena elfejn u tnax (2012) u gie trasferit lil terzi, u liema investiment kien jammonta ghal hdax-il elf ewro (EUR 11,000). Illi similarment, il-vettura tal-ghamla

[4] Vide **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** supra.

*Qasqai*, skond testimonjanza ta' rapprezentanti ta' *Transport Malta*, hija registrata fuq omm il-konvenuta u cioe Carmen Farrugia, bhal ma kienet il-karozza l-ohra tal-attrici u cioe *Mistubishi Pajero JNR* li min dokumentazzjoni li giet prezentata minn rapprezentanti tal-assigurazzjoni Gasan Mamo, kienet registrata fuq isem missier il-konvenuta u cioe Angelo Farrugia. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kellha f'ismiha u anke f'isimha u f'isem it-tfal diversi *term deposits* tul il-perjodu bejn is-sena elfejn u hamsa (2005) u elfejn u ghaxra (2010). Illi ghar-rigward il-kontijiet bankjari su riferiti, il-Qorti tinnota ukoll li l-maggoranza tal-istatements tal-kontijiet bankjari li kienu jappartjenu lill-konvenuta wahedha, kienu ndirrzati fuq l-indirizz tad-dar residenzjali tal-genituri taghha, sahansitra anke wara li hija kienet hadet l-istat taghha u marret tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien mal-attur.

Il-Qorti tosserva illi harsa lejn it-*transaction sheets*, jirrizulta li hemm diversi *cash deposits, withdrawls*, u kif ukoll trasferimenti lejn kontijiet li jappartjenu lill-terzi kif anke jirrizulta mix-xhiedha tar-rapprezentanti tal-banek. Jirrizulta wkoll, *prima facie*, li l-kien hemm zmien fejn il-konvenuta kienet qeghda tahdem u ghalhekk kienet qeghda tippercepixxi ntrojtu, u dana minkejja li fir-risposta taghha hija titlob manteniment ghaliha u dana stante li hija dejjem baqghet id-dar biex tiehsu hsieb lit-tfal.

Il-Qorti fliet ukoll bir-reqqa Dokument GB a fol 977, Rapport tal-Accountant ex-parte ta' NB illi jaghti l-analizi dettaljat tieghu dwar l-akkonti bankarji ta' MB u t-transazzjonijiet kollha mehuda minnha, kemm dawk imsejhin *in flows*, kif ukoll dawk imsejhin *out flows*.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward ghaliex huwa fid-dover taghha li tevalwa bir-reqqa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti jekk xi parti jew l-ohra hux ser jbatu pregudizzju, u jekk dan hux ser jikkwalifika bhala 'mhux proporzjonat.'

Illi l-Qorti tenendo konto ta' dawn il-fatti u rizultanzi kollha u anke tal-fatt li r-rikors ghal waqfien tal-komunjoni tal-akwisti gie ntavolat issa f'dana l-istadju wara li ir-rapprezentanti tal-banek taw it-testimonjanzi taghhom u wara li l-accountant ta' NB ippresenta r-rapport ex-parte tieghu, jidhrilha li l-intimat mhux ser jsofri pregudizzju sproporzjonat kemm-il darba t-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuta tintlaqa' f'dana l-istadju.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' MB u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-**

**sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez ta' MB.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

**Moqrija.**